**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 49**

**Il-Ħamis 27 t'Ottubru 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, fl-16:30h.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Dr. Mary Muscat | _ | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Charles Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

<table>
<tr><td>49.1</td><td>Qari ta’ ittri ta’ apoloġiji</td></tr>
<tr><td>49.1.1</td><td>Xejn</td></tr>
<tr><td>49.2</td><td>Mozzjoni ta’ co-option</td></tr>
<tr><td>49.2.1</td><td>Is-Sindku Steven Grech innomina lil Dr. Mary Muscat biex timla il post vakanti minflok Dr. Janice Chetcuti. Il-Viċi Sindku Elenia Desira, issekondat din il-ħatra. Kien hemm qbil unannimu bejn dawk preżenti għall din il-ħatra. Dr. Muscat ħadet il-ġurament illum 27 t’Ottubru 2022 u issa tifforma parti mill-Kunsill Lokali ta’ Marsaxlokk.<br><br>Vot:<br><br>
<table>
<tr><td></td><td>Iva</td><td>Le</td></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td></tr>
<tr><td>Kunsillier 5</td><td>-</td><td>-</td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>49.3</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti</td></tr>
<tr><td>49.3.1</td><td>Elenia Desira pproponiet u Stephen Caruana ssekonda bħala korretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 48 u ġew approvati b’votazzjoni unannima fost dawk preżenti.</td></tr>
<tr><td>49.4</td><td>Accountant / Management Letter</td></tr>
<tr><td>49.4.1</td><td>L-accountant Karl Cutajar għadda overview dettaljat rigward il-Management Letter kif ukoll ir-risposti li għadda il-Kunsill lura. Huwa qal li ma kienx hemm problemi kbar u ġew indirrizzati. Il-Kunsill qabel fuq ir-risposta tal-Management Letter.</td></tr>
<tr><td>49.5</td><td>Dr. Janice Chetcuti diskors tal-għeluq</td></tr>
<tr><td>49.5.1</td><td>Diskors t’għeluq u ringrazzjament kemm lill-Kunsill kif ukoll lir-residenti xlukkajri mill-Onor. Dr. Janice Chetcuti.</td></tr>
<tr><td>49.6</td><td>Kommunikazzjonijiet mis-Sindku.</td></tr>
<tr><td>49.6.1</td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-26 ta` Settembru 2022 is-Sindku flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard u l-Assistent Principal Jordy Brincat attendew għal-Laqgħa Annwali tar-Regjun tan-Nofsinhar.</td></tr>
<tr><td>49.6.2</td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-5 t`Ottubru 2022 is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa mas-Sur Nicholas Spiteri tar-Regjun Nofsinhar fejn saret diskussjoni fuq l-iskema Komunitajiet Isbaħ.</td></tr>
<tr><td>49.6.3</td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-7 t`Ottubru 2022 is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa kellhu mas-Sinjura Tiffany Abela mir-Regjun Nofsinhar rigward il-Kunsill Kulturali Regionali 2023. Is-Sindku qal li ser terġa issir laqgħa oħra sabiex tiġi diskussa ukoll mal-Kunsillier inkarigat mill-Kultura.</td></tr>
</table>

49.6.4 Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fil-11 t`Ottubru 2022 is-Sindku kellu laqgħa mal-ELC rigward ic-*centre strip* ta` Bir id-Deheb. Bis-saħħa ta benefattur se jingħata għajnuna finanzjarja sabiex isir speċi ta' *pool* fejn ser titpoġġa id-dgħajsa. Dan ix-xogħol hu maħsub li jitlesta f'Diċembru.

49.6.4 Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fis-7 t`Ottubru 2022 is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat kellhom laqgħa ġewwa l-Belt fejn preżenti kien hemm il-Kunsilli Lokali kollha u Reġjuni rigward il-vakanza tas-Segretarji Eżekuttiv. Id-Dipartiment ħareġ *call* għall ħatra ta' Segretarji Eżekuttivi f'Kunsilli li m'għandhomx wieħed full time. Il-proċess hu differenti min kif kien isir qabel. L-ewwel japplikaw mad-Dipartiment umbad jiġi rakkomandat lill-Kunsilli u jsir interview ieħor mill-Kunsill Lokali rispettiv.

**49.7 Busbiesi Lane**

49.7.1 Vot: Taqblu li l-proġett ta Bużbieżi Lane isiru mill fondi tad-DPF?

| Isem | Iva | Le |
|---|---|---|
| Steven Grech | * | |
| Elenia Desira | * | |
| Stephen Caruana | * | |
| Daniel Zerafa | * | |
| Dr. Mary Muscat | * | |

**Kien hemm qbil unanaimu bejn il-kunsilliera preżenti**

**49.8 Dog Park u Ġnien Kavallerizza (ta wara l-car park)**

49.8.1 Is-Sindku qal li saret applikazzjoni biex isir *dog park* fi Triq il-Labour c/w Triq Lepanto. Sabiex tiġi indirizzata wkoll il-problema tal-ilma ser isir ġibjun fejn jiġbor l-ilma u dan jintuża għat-tisqija. Is-Sindku semma ukoll li *Parks Malta* għaddiet għajnuna lill-Kunsill ta San Ġwann. Dan kien fuq il-mezzi soċjali. Hu tenna jgħid li il-Kunsill ta' Marsaxlokk kien talab għajnuna lil din l-entità pero qatt ma ħa risposta posittiva.

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq patching li semma il-kunsillier Daniel Zerafa fejn qallu li dan kellu jsir mill-entita li għamlet ix-xogħol u mhux mill-Kunsill.

49.8.2 Vot: Taqbel li jintużaw il-fondi tal-DPF sabiex isir dan il-ġibjun jekk jinqala il-bżonn?

| Isem | Iva | Le |
|---|---|---|
| Steven Grech | * | |
| Elenia Desira | * | |
| Stephen Caruana | * | |
| Daniel Zerafa | * | |
| Dr. Mary Muscat | * | |

**Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.**

**49.9 Ittra lil tal-monti biex iżarmaw fit-3:00pm**

<table>
<tr><td>49.9.1</td><td>Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li ser tintbgħat ittra lil tal-Monti tal-Ħadd sabiex il-monti jibda jopera bejn il-5.30am u jżarma u jnaddaf sat-3.00pm. Bejjiegħa li idumu aktar tard mit-3.30pm ser jiġu immultati. Dan wara li l-Ħadd li għadda kien hemm operatur li baqa sa 6.00pm u ħalla il-ħmieġ warajħ. Din l-ittra ser titqassam il-Ħadd li ġej u ser tiġi ukoll ippubblikata fuq il-paġna tal Facebook.</td></tr>
<tr><td>49.10</td><td>Posta tal-monti tal-Ħadd ta' persuna specifika.</td></tr>
<tr><td>49.10.1</td><td>Is-Sindku spjega is-sitwazzjoni ta' din il-persuna speċifika rigward il-posta tal-Monti.</td></tr>
<tr><td>49.11</td><td>Boat Trip</td></tr>
<tr><td>49.11.1</td><td>Operatur tal Boat trips talab li jkollu spazju akbar fejn jopera lil hemm mill-ħolqa li għandu permess għaliha. Is-Sindku fakkru li hu qed jarma temporanjament u l-Kunsill ser jerġa jibgħat lil Transport Malta sabiex tiġi indirizzata din il. Problema, is-Sinjur talab ukoll li jkollu posta tal-bejħ sabiex jibda jbieħ. Is-Sindku qallu li ma hemmx posti aktar.</td></tr>
<tr><td>49.12</td><td>Monti tal Ħadd</td></tr>
<tr><td>49.12.1</td><td>Is-Sindku qal li filgħodu mar max-xatt u talab li jitneħħew it tabelli mill passaġ. Kien hemm min obda u kien hemm min le.</td></tr>
<tr><td>49.12.2</td><td>Vot: Taqbel li posti 164,165 u 166 jitressqu in-naħa tal-magħluq?
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td></td><td>*</td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>*</td><td></td></tr>
</table>
4 jaqblu u wieħed le peressli hemm konflitt ta nteress</td></tr>
<tr><td>49.12.3</td><td>Vot: Taqbel li restoranti / boat trips ikollhom tabella waħda fuq il-bankina u tabella waħda mal baħar, Temporanjament? (fl-Area allokata tal ħanut)
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>*</td><td></td></tr>
</table>
Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.</td></tr>
<tr><td>49.13</td><td>Monti ta` matul il-gimgħa</td></tr>
<tr><td>49.13.1</td><td>Is-Sindku talab li hemm sajjied li jeħtieġ iħallu passaġġ sakemm isiru ix-xogħolijiet. Hu ilmenta ukoll li hemm min qed iħalli il-van tax-xogħol . Ser jinħloq passaġġ fil-monti ta' matul il-ġimgħa. Lok eżatt fejn ser jiġi għad irid jiġi diskuss.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **49.14** | **Kuntrattur biex jgħin jitranga l-bandli ta`wara l-Iskola.** |
| 49.14.1 | Benefattur li ssema preċedentement ser ikun qed jgħin sabiex isir aktar tgħammir fil-Ġnien il-Familja li jinsab wara l-iskola. Jingħalqu il-gates u ssir tiswija anki fuq l-art. L-area tal funtana titneħħa. |
| **49.15** | **Master plan** |
| 49.15.1 | Sar qbil bejn dawk preżenti kif kien ġie diskuss u maqbul f'laqgħat preċedenti. |
| **49.16** | **Fondi tal-Milied.** |
| 49.16.1 | Is-Sindku fakkar li l-kunsill kien applika għal fondi sabiex isir Attivitajiet tal-Milied. Din ġiet aċċettata u l-fondi gew approvati kwazi kollha. Attivita ser tkun nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru. |
| **49.17** | **Laqgħa Plenarja AKL Għawdex** |
| 49.17.1 | Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Carmel Attard, spjega li irċivew komunikat fejn u meta ser issir il-laqgħa plenarja. Il-kunsilliera li jixtiequ jattendu ser jieħdu ħsieb li jibbukjaw huma mil-lista provduta u jiġu rimborsati mill-Kunsill peress li din ser issir ġewwa Għawdex. Din ġiet approvata. |
| **49.18** | Is-Sindku informa li kien hemm xi kummenti dwar parking bays ħdejn Port Ruman li saru b'mod temporanju. Dawn ser jitneħħew. |
| **49.19** | **Triq Bartelemy** |
| 49.19.1 | Is-Sindku iddiskuta kwistjoni dwar direzzjoni tat traffiku. Is-Sindku talab jekk tibqax kif inhi jew tinbidel.<br><br>Vot: Taqbel li Triq Bartilimew tibqa bil vija tat traffiku kif inhi bħalissa? |

| Isem | Iva | Le |
|---|---|---|
| Steven Grech | * | |
| Elenia Desira | * | |
| Stephen Caruana | * | |
| Daniel Zerafa | * | |
| Dr. Mary Muscat | * | |

Kien hemm qbil unanimu bejn dawk preżenti.

| | |
|---|---|
| **49.20** | **Ittra ta risposta – Sa Doreen Mintoff.** |
| 49.20.1 | Ittra ta' risposta ġiet moqrija mis-Segretarju Eżekuttiv waqt il-laqgħa tal-Kunsill. |
| **49.21** | **Laqgħa Annwali Ġenerali** |
| 49.21.1 | Sar qbil bejn dawk preżenti li L-AGM ser issir f'Diċembru. Data ezatt ser tiġi deċiża aktar tard |

<table>
<tr><td>49.22</td><td>Tender tal-Bulky refuse Collection</td></tr>
<tr><td>49.22.1</td><td>Tender infetħet, giet evalwata u mirbuħa min operatur ġdid Malta Recycle and Waste Collection Ltd. Kuntratt jibda mill-ewwel tas-sena.</td></tr>
<tr><td>49.23</td><td>Cleansing MOU</td></tr>
<tr><td>49.23.1</td><td>F'dan l-MOU intalab xogħol addizjonali fuq ix-xoghol. Il-problema hi waħda finanzjarja peress li hemm differenza qawwija fl-ammont ta' differenza. Is-Sindku flimkien Deputat Segretarju Eżekuttiv provaw iġibu aktar fondi sabiex ma jonqsux il fondi li kienu qed jiġu mwarrba imma ma rnexxielhomx għalhekk qiegħed jintalab vot qabel dan jigi iffirmat.</td></tr>
<tr><td>49.23.2</td><td>Vot: Taqbel li dan l-MOU jiġi ffirmat kif ġie maqbul?
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>*</td><td></td></tr>
<tr><td>Dr. Mary Muscat</td><td>*</td><td></td></tr>
</table>
Kien hemm qbil unanimu bejn dawk prezenti</td></tr>
<tr><td>49.24</td><td>Monti ser jiġi diskuss f'laqgħa oħra</td></tr>
<tr><td>49.25</td><td>Planning Authority</td></tr>
<tr><td>49.25.1</td><td>Daniel Zerafa informa li kien hemm applikazzjoni waħda ta' sub station.</td></tr>
<tr><td>49.25.2</td><td>Progett ta blokok Is-sindku propona li fejn ikun hemm blokkok kbar jeħtieg li isir xi tip ta skips taht l-art sabiex tigi indirizzata il-problema tal-iskart.</td></tr>
<tr><td>49.25.3</td><td>Tal-Barumbara reġa kollox lura.</td></tr>
<tr><td>49.26</td><td>Mistoqsijiet Kunsillier Daniel Zerafa</td></tr>
<tr><td>49.26.1</td><td>L-aħħar kisja tarmac fil-Magħluq fejn bandli hemm. Xi aġġornament meta ser jitlesti ħalli isiru sinjali u jitnaqqas il kaos speċjamlment nhar ta' Hadd?<br><br>Is-Sindku wieġeb li  qed jipprovaw ilestuħ sa l-aħħar tas-sena</td></tr>
<tr><td>49.26.2</td><td>Ġol-bajja tal-Magħluq x' fadal isir xogħol, qed isiru ħafna mistoqsijiet fosthom dwar it-triqcta' ġewwa, il-barrier u cameras ħabba kontrol ta' serq?<br><br>Tkompla ix xogħol illum peress li ma setax jaħdem habba is-sajjieda. Hemm xi blokkok li jridu jiġu fit tul. Ser issir laqgħa mac-chairman.</td></tr>
<tr><td>49.26.3</td><td>Triq Barthelemy hemm xi ħsibijiet li tibqa kif inhi jew ser iddur?<br><br>Din ġiet diskussa.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| 49.26.4 | *Kif ser isir intervent fuq ir-roundabout tas-Silġ, huwa mument tajjeb li Triq Bir Rikka (titla biss) , Ġulinu Maniscalco (ħruġ lejl Triq melqart) u Triq tas-Silġ (tinżel biss) isiru one way? Ħafna residenti qegħdin isaqsu għal din il-possibilita?*<br><br>Din it-triq hija arterjali u ma taqgħax taħt il-Kunsill ser jgħaddi komunikazzjoni li ntbgħatet. |
| 49.26.5 | *Quddiem il-berġa fejn hemm 'zebra cross' u daħla għal triq Barrakki jeħtieġ jiżdied dawl, nistgħu napplikaw għal iżjed dawl?*<br><br>Ser jitlob biex isiru bozoz. |
| 49.26.6 | *Rigward il-byelaws għalfejn qiegħed niġi mistoqsi jien dwar kjarifiki u emendi mid-dipartiment meta hemm int u l-avukat tal-Kunsill qegħdin tiġu mħallsa biex tagħmlu dan?*<br><br>Ser nibgħatu lill-Avukat biex jiġu iċċarati dawn il-mistoqsijiet. |
| **49.27** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-Pagamenti** |
| 49.27.1 | Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda. Din ġiet approvata b'mod unanimu bejn dawk preżenti. |
| **49.28** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 49.28.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-7:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 18 ta' Novembru, fl-16.30. |

**Konfermati, illum 18 ta' Novembru 2022**

**IFFIRMATA**

______________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

______________________

**Charles Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*